6 ta' Ġunju, 1952.

Imħallef :

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Giuseppe Vella Gatt ne.** *versus* **Giuseppe Darmanin et.**

**Kompetenza.**

*Meta domanda hija diretta kontra żewġ konvenuti li l-atti tagħhom huma inseparabili għall-finijiet ta' l-azzjoni ta' l-attur, huma wkoll inseparabili għall-finijiet ta' l-istess azzjoni, il-persuni ta' dawk il-konvenuti; ġaladarba l-attur ikun għażel li jazzjonahom it-tnejn.*

*Għaldaqstant f'każ simili għandha tkun kompetenti Qorti waħda biex tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni proposta mill-attur. U meta l-att tal-konvenut li mhux kummerċjant huwa kollegat ma' l-att tal-konvenut li huwa kummerċjant, il-Qorti kompetenti hija l-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi bejnu u l-konvenut Darmanin kien sar ftehim fis-sens illi huwa kellu jagħmel ix-xogħlijiet tar-rikostruzzjoni tal-fond nru. 9 u 10 Triq San Ġużepp, Senglea, u kellu jieħu minn għand l-istess konvenut Darmanin, oltre l-kumpens dovut mill-War Damage Commission, rigal korrispondenti għall-import ta' sena u nofs kera ta' l-istess fond; u illi l-konvenut Darmanin biegħ u ttrasferixxa s-sit danneġġjat in kwistjoni lill-konvenut l-ieħor Grixti, li bħala kuntrattur bena l-fond huwa stess, u b'dan il-mod l-attur sofra danni konsistenti fin-nuqqas tal-profitt li seta' jagħmel mill-imsemmija xogħlijiet u mill-perdita ta' l-imsemmi rigal; talab illi l-konvenuti jiġu dikjarati responsabili għad-danni li huwa sofra bħala konsegwenza ta' l-inadempiment fuq riferit, u jiġu kundannati jħallsu lilu l-imsemmija danni, li jiġu

likwidati per mezz ta' perit f'dana jew f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Lulju 1950;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Darmanin, li rrileva, preliminarment, illi din il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża, għaliex huwa mhux kummerċjant, u lanqas ma huwa att oġġettiv tal-kummerċ il-meritu involut; fil-meritu, illi d-domandi ta' l-attur huma infondati, għaliex huwa ftihem mal-konvenut l-ieħor li jħallas kwalunkwe dritt u pretensjoni li jista' jkollu l-attur, u dan l-attur kien jafu;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Grixti, li sottometta illi, in kwantu diretti kontra tiegħu, id-domandi attriċi huma infondati; mhux biss għaliex il-ftehim dwar ix-xogħlijiet tar-rikostruzzjoni indikati fl-att taċ-ċitazzjoni sar mill-attur mal-konvenut l-ieħor Darmanin, u konsegwentement huwa ma kellu ebda relazzjoni ma' l-attur rigward l-istess xogħlijiet, imma wkoll għaliex, diversament minn dak li allega l-attur, huwa la bena u lanqas ma għamel xogħlijiet fil-fond in kwistjoni;

***Omissis;***

Tikkunsidra, fuq l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti sollevata mill-konvenut Darmanin, wara li semgħet lid-difensuri;

Illi l-atti li taw lok għall-azzjoni ta' l-attur huma flimkien il-ftehim bejnu u l-konvenut Darmanin, allegat fl-att taċ-ċitazzjoni, u l-bejgħ tal-fond indikat u-istess att taċ-ċitazzjoni, magħmul mill-konvenut Darmanin lill-konvenut Grixti; liema żewġ atti huma inseparabili għall-finijiet ta' l-azzjoni ta' l-attur, u għalhekk huma wkoll inseparabili, għall-finijiet ta' l-istess azzjoni, il-persuni ta' l-imsemmija konvenuti, ġaladarba l-attur għażel li jazzjonahom it-tnejn. Għandha għaldaqstant tkun kompetenti Qorti waħda biex tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni esperita mill-attur, u din hija l-Qorti tal-Kummerċ, peress illi l-att, preżż delittuż jew kolpuż tal-konvenut Darmanin, li ta lok għall-pretiżi danni, jikkollega ruħu ma' l-att kummerċjali ta' l-akkwist tal-fond mill-konvenut Grixti, li hu kummerċjant, u wkoll, jekk tiġi sostnuta l-azzjoni kontra l-istess Gatt, il-konsegwenzi ta' dik l-azzjoni

jkunu jidderivaw u jiddependu, u jkunu konnessi, ma' att tal-kummerċ tiegħu ;

Għal dawn il-motivi ;

Tiċħad l-eċċezzjoni, u tiddikjara li l-kawża hija ta' kompetenza tagħha ; iżda tordna illi, minħabba l-kwistjoni li ndaħlet, l-ispejjeż kollha, kompriż id-dritt tar-Reġistru, jitħallsu nofs mill-attur u nofs mill-konvenut Darmanin.